**238. Il-Ministru għall-Ambjent, l-Onor. Francis Zammit Dimech ippropona din ir-Riżoluzzjoni:-**

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta bi ħsiebu jikkonċedi b'titolu ta' enfitewsi temporanja lill-VISET p.l.c. art, bini u dritt ta' rmiġġ f'Pinto Wharf fil-Port il-Kbir kif deskritt aħjar fl-abbozz ta' kuntratt imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, għaż-żmien, bil-korrispettiv u taħt il-kundizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern, Kap 268 li art li tkun proprjeta' tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment;

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-art, il-bini u dritt ta' rmiġġ f'Pinto Wharf fil-Port il-Kbir kif deskritt aħjar fl-abbozz ta' kuntratt li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, jiġi mogħti lill-VISET p.l.c. għall-iskop u taħt il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fl-istess abbozz.

16.07.2001